# KUNSILL LOKALI KALKARA

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566


**Seduta Nru:** 5-13

**Data: 25t'April** 2013

**Hin:** 5.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Paul Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas – Kunsillier

**Minuti** :

1. **Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru 4.13 gew moqrija u approvati b'vot unanimu fuq proposta tas-Sindku is-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Vici Sindku Christopher Bruno.

2. **Komunikat mis-Sindku u approvazzjoni ta' xogholijiet.**

Is-Sindku qalet li dahlilha rapport dwar ilma diehel go garaxx fi Triq Ganni Raimondo. Dan ir-rapport dahal diversi drabi matul iz-zmien fejn il-Kunsill kien ghamel ir-rapporti necessarji mal-entitajiet koncernati u dan l-ilment baqa' ma giex solvut. Il-Kunsill ma jista jaghmel xejn aktar minn dak li diga ghamel minhabba li dan il-garaxx huwa privat.

Talba ghal parking bay ghall-mutur fi Triq San Mikiel, il-Kunsill qabel li din issir meta jkunu qed jinzebghu is-sinjali tal-parkegg. Ilment iehor fi Triq San Mikiel minhabba li qed izomm l-ilma, il-Kunsill ghandu jikkonferma mal-kuntrattur x'hemm bzonn li jsir.

Issir iz-zjara tal-anzjani rikoverati fid-djar fl-okkazjoni ta' Jum l-Omm u Jum il-Missier. Ser issir Harga ghall-Familja fejn issir diskussjoni dwar il-Konsumatur minn persuna relatata ma' dan il-qasam. Issir Harga ghall-Irgiel fl-okkazjoni ta' Jum il-Missier ghal Ghawdex.

## 3. Korrispondenza

***Talba ghal sleeping policeman*** - Il-Kunsill ircieva proposta mis-Sur Nicholas Cesare sabiex issir sleeping policeman fi Triq is-Sibi u mad-dawra tal-Housing Estate ta' Rinella. Il-Kunsill iddecieda li l-ewwel ghandha tinzebah stop sign fit-tarf tat-triq is-Sibi.

***Paragon Europe*** – Talba ghall-Progett flimkien mal-Iskola Primarja ghall-Fondi fuq trasport sostenibbli ghat-tfal tal-iskola. Il-Kunsilliera Maria Sultana se tiddiskuti din l-opportunita mal-Kap tal-Iskola u l-Kunsill japplika ghal din il-proposta, din ma tinvolvix fondi mill-Kunsill Lokali.

Proposta mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar Youth In Action Programme, fejn qed jigi propost sabiex kull lokalita tinnomina zewg zghazagh mill-lokalita. Gie deciz li peress li il-postijiet huma limitati din tigi ppublikata fuq il-facebook tal-Kunsill.

Talba minn residenti fi Triq il-Hbit mill-Ajru sabiex titnaddaf l-area mill-karozzi abbandunati. Il-Kunsill se jipprocedi billi f'kaz li dawn il-karozzi m'ghandhomx licenzja mhallsa u lanqas number plates, il-Kunsill iwahhlilhom l-avviz sabiex jekk is-sid ma jnehhihomx fiz-zmien stipulat, dawn jigu skreppjati.

Il-Kunsill ircieva l-programm tal-attivitajiet ta' zmien il-festa, tac-Circolo San Giuseppe, Filarmonika Sagra Familja. Il-Kunsill qabel li johorgu l-permessi necessarji ghal dawn l-attivitajiet.

Ittra minghand residenta fi Triq San Lawrenz dwar il-bankina tat-triq taghha. Il-Kunsill qabel li din is-sena ma tistax issir minhabba nuqqas ta' finanzi pero' ghandha tinghata prijorita' fuq ix-xogholijiet. Sa dan it-tant ghandha tintalab stima minghand il-kuntrattur.

## 4. Progetti

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li hareg il-permess tal-Mepa ghall-istore tal-Kunsill, u ipproponiet sabiex dan l-istore jinhadem mil-haddiema tal-kumpannija IPSL b'hekk il-Kunsill kemm jixtri l-materjal ghall-bini ta' dan l-istore.

Is-Sindku ipproponiet dawn il-progetti: Cascata fid-dawra ta' Bighi, Picnic Area taht it-Tennis Court iz-zghir, tigi kkonfermata ta' min hija l-art imsemmija u jekk hix skedata ghal xi progetti li jridu jsiru. Isir il-hadid max-Xatt tal-Kalkara mad-dawra tal-bahar.

Il-Kunsilliera Maria Sultana flimkien mal-Kunsillier Paul Bongailas sahqu li l-ewwel prijorita ghandha tinghata lill-progett tal-bini tac-Centru Civiku peress li dan huwa prijorita' u anke qieghed fil-programm elettorali. Is-Seg. Ezekuttiv infurmat lill-Kunsilliera kollha li l-Kunsill m'ghandux finanzi bizzejjed mill-allokazzjoni moghtija lilu mill-Gvern Centrali sabiex dan il-progett isir. Il-Kunsill qabel li ghandha terga ssir it-talba ghad-devoluzzjoni tac-Cimiterju ta' Wied Ghammieq sabiex b'dan il-progett, il-Kunsill ikun jista jiffinanzja il-progett tac-Centru Civiku.

Il-Kunsilliera Maria Sultana ipproponiet li jsir progett fil-bandli, billi tigi mqassma ahjar l-area tal-bandli, jerga jsir ir-ring tal-basketball u jehel sew u jitranga it-tapit tal-bandli. Il-Kunsill qabel li dan ghandu jinghata prijorita' wkoll.

Is-Sindku Speranza Chircop ipproponiet li jsir refurbishment tal-Ufficini tal-Kunsill. Hija qalet li ser issir talba lill-banek sabiex jisponsorjaw lill-Kunsill sabiex jinbidlu l-bibien tal-ufficcju. Hija qalet li ma din it-talba ghandha terga ssir talba ghall-ATM fil-lokal. Hija ipproponiet li jsiru l-purtieri ghall-ufficcju. Il-Kunsilliera Maria Sultana qalet li filwaqt li ma ssibx oggezzjoni li jsiru l-purtieri hija ma taqbilx li ghandu jintalab sponsor mill-bank ghall-bibien. Hija qalet li hija thoss li jekk ghandu jintalab sponsor mill-banek ghandu jintalab ghal xi haga aktar importanti bhal xi bandla ghat-tfal, il-Kunsillier Paul Bongailas qabel mal-oggezzjoni mqajjma mill-Kunsilliera Maria Sultana. Il-Kunsillier Vince Bongailas ippropona sabiex l-isponsor ghall-bibien tal-ufficcju ghandu jintalab minnghand kumpannija li timmanifattura l-bibien u mhux mill-banek. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sur Vincent Bongailas.

## 5. <u>Attivitajiet</u>

Is-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop ipproponiet li bhas-snin ta' qabel issir l-Attivita ta' Puttinu fuq jumejn fit-tielet weekend ta' Lulju. Il-Kunsill mhux se johrog finanzi ghal din l-attivita, igifieri ghandhom jintalbu sponsors sabiex ikopru l-ispejjez kollha marbutin ma din l-attivita.
Is-Sindku qalet li ghal din is-sena ser issir hidma sabiex tigi l-Band Led Zepplin li din tithallas minn sponsor dirett. Il-Kunsilliera Maria Sultana staqsiet min huma l-persuni li qed jikkordinaw din l-attivita, u s-Sindku irrispondiet li l-kordinatur huwa is-sur Tony Briffa.

Is-Segretarja spjegat ir-regoli finanzjarji li l-Kunsill huwa marbut josserva.

Il-Kunsillier Paul Bongailas staqsa f'isem min qed tigi organizzata din l-attivita, f'kaz li din l-attivita se tigi organizzata minn individwu, ma jarax il-kaz ghalfejn il-Kunsill jidhol fiha.

Il-Kunsillier Christopher Bruno staqsa dwar sponsors u jekk id-dhul ghal Puttinu hux se jkun mill-entraturi.

Il-Kunsilliera Maria Sultana qalet li giet avvicinata minn persuna li tixtieq torganizza attivita ghall-Puttinu, din se tkun attivita li ma tiswiex flus. Il-Vici Sindku Christopher Bruno qal li fil-laqgha li kellu mal-ghaqdiet tal-baned, dawn ipproponew li jigu nfurmati meta jkun hemm xi attivita li ser tigi organizzata mill-Kunsill ghal Puttinu Cares. Huwa ippropona sabiex l-attivita' issir fuq tlett ijiem sabiex il-programm jista jkun fuq firxa ikbar u tigi milqugha l-attivita li giet proposta mill-Kunsilliera Maria Sultana. Is-Sindku qalet li l-attivita b'risq Puttinu qed tigi proposta li ssir fuq jumejn.

Gie deciz li tissejjah laqgha mal-kordinatur is-Sur Tony Briffa sabiex jispjega ahjar il-pjan ghall-attivita' ta' Puttinu qabel din tigi deciza.

Il-Kunsillier Paul Bongailas skuza ruhu li ma setax jibqa ghall-laqgha minhabba li sar hafna hin u mpenji ohra.

## 6. Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti.

Giet approvata wkoll il-lista tal-pagamenti bin-numru tar-referenza 5/13.

## 7. Aggornament

7.1 Il-Vici Sindku Christopher Bruno ressaq dawn il-punti:

a. Jixtieq jorganizza flimkien bl-ghajnuna mal-ghaqdiet tal-baned Festa Gelat fis-Sajf.

b. Il-Bus Shelter ta' Triq il-Missjoni Taljana kantuniera ma' Triq il-Luqqata qed iqattar is-saqaf. Is-Sindku qalet li din ghandha tigi irrappurtata.

7.2 Il-Kunsilliera Maria Sultana ressqet dawn il-punti.

a. Isir rapport lill-pulizija minhabba li qed jghaddu karozzi wrong way minn Triq is-Sienja.

b. Jinkiteb rapport lill-Transport Malta dwar l-organizzazzjoni tas-sinjali tat-traffiku ta' Triq is-Sienja fejn l-iskola.

c. Jitnehhew il-pots l-imkissra taht il-hajt tal-iskola fi Triq Santa Filumena, kif ukoll dik ta' taht il-hajt tar-residenza taghha minhabba li din qed tintuza bhala targa sabiex certi nies jaqbzu ghall-ghelieqi.

7.3 Il-Kunsillier Vince Bongailas ressaq dawn il-punti:

a. Jitnehhew id-dghajjes ipparkjati fit-toroq u dan minhabba li qed jiehdu l-post ta' parkegg tal-karozzi.

Is-Seduta spiccat fit-9.15 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| Speranza Chircop<br>Sindku | Sharon Galea Iriele<br>Seg Ezekuttiv |

**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566


**Annex1. mas-Seduta Nru:** 5-13

**Laqgha mas-Sur Anthony Briffa kordinatur tas-Serata ta' Puttinu 2013**

**Data: 6 ta' Mejju** 2013

**Hin:** 7.00p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Paul Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas – skuzat

Anthony Briffa – Kordinatur
Frankie Chircop - Kordinatur

**Minuti** :

Din il-laqgha giet mghajjta mill-Kunsilliera sabiex jigu kkjarifikati l-arrangamenti ghall-attivita' b'risq Puttinu Cares li ser issir is-Sibt 20 u l-Hadd 21 ta' Lulju 2013.

Beda id-diskussjoni is-Sur Chircop li huwa r-ragel tas-Sindku u se jkun qieghed jikkordina din l-attivita flimkien mas-Sur Briffa.

Is-Sindku flimkien mas-sur Chircop u s-sur Briffa qalu li ghal din is-sena ghandhom il-hsieb li ghall-attivita' b'risq Puttinu Cares, jixtiequ li tingieb il-band Internazzjonali Led Zeppelin sabiex jaghmlu kuncert is-Sibt 20 ta' Lulju 2013 filwaqt li s-serata tal-Hadd 21 ta' Lulju 2013 issir mill-Maestro Joe Brown u l-band tieghu bhas-snin precedenti.

Il-Kunsillier Paul Bongailas staqsa jekk Puttinu giex infurmat b'dan l-arrangament, u l-kordinaturi semmew li kien hemm laqghat mal-kordinatur ta' Puttinu, is-Sur Rennie Zerafa fejn dan tal-ahhar qal li ghas-serata tas-Sibt il-volontiera ta' Puttinu ma jistghux jghinu minhabba li fil-gurnata ta' qabel se jkun hemm serata ohra, pero ghas-serata tal- Hadd Puttinu, ser ikollu l-volontiera tieghu jghinu f'din l-attivita.

Meta is-Sindku flimkien mas-sur Chircop u s-sur Briffa tkellmu mas-Sur Zerafa u mal-Maestro Brown dawn tal-ahhar qalulhom li jkun aktar ideali li din l-attivita' ghal din is-sena issir fuq skala izghar, minhabba ix-xoghol li tinvolvi din l-attivita' fejn jidhlu reklamar, sponsors u xoghol iehor. Huma qalu li mid-diskors kemm ta' Rennie u anke tal-Maestro Brown dawn taw x'jifhmu li qed ikunu negattivi.

Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni ta' dawk prezenti, b'mod specjali tal-Kunsilliera, illi kull haga li trid issir f'isem il-Kunsill ghandha ssir skond ir-regolamenti finanzjarji. Hija ghamlitha cara li l-Kunsill Lokali m'ghandux fondi biex jorganizza attivitajiet bi hlas ghal din is-sena. Is-Sur Chircop u s-sur Briffa qalu li ma jafux ghalfejn kulhadd qieghed ikun negattiv dwar din l-attivita, is-sur Chircop staqsa kif Kunsilli ohra jaghmlu attivitajiet f'isem il-Kunsill u ma jistax jifhem ghalfejn il-Kunsill qed jara attivita' bhal din b'daqshekk negattivita`.

Il-Kunsilliera Maria Sultana irrispondiet u qalet li hi ma taccettax li xi hadd jghid li hi negattiva, u dan ghaliex f' 17- il sena li ilha Kunsilliera hija dejjem hadmet ghall-ahjar interess tal-lokal. Hija qalet ukoll li meta hija avvicinat lis-Sindku biex tkellimha dwar il-proposta ta' persuna li kienet lesta torganizza l-attivita' b'risq Puttinu Cares bla hlas, is-Sindku qaltilha li din tista ssir is-sena d-diehla peress li ghal din is-sena diga kellha pjanijiet ohra. Hija qalet li hadd ma jista jakkuzha li hi negattiva ghaliex kieku kien hekk hija ma kienetx tiehu nteress billi tattendi ghal din il-laqgha. Il-Vici Sindku is-sur Christopher Bruno flimkien mal-Kunsillier Paul Bongailas qalu li mhux sew li ghax persuna issaqsi certi mistoqsijiet, din titqies bhala persuna negattiva, ghaliex finalment ghandu jkun il-Kunsill li jiehu certi decizjonijiet fl-interess ta' kulhadd skond kif marbut li jaghmel bil-ligi.

Il-Kordinaturi qalu li huma ma riedux ifissru hekk, huma ghamluha cara li jekk ma jingabrux bizzejjed sponsors ghal din l-attivita', din l-attivita' ma ssirx. Huma nfurmaw lill-Kunsill, li qeghdin isiru laqghat ma importaturi tax-xorb sabiex isiru l-arrangamenti u jkollhom l-esklussivita tal-barijiet. Huma semmew ukoll li f'kaz li din l-attivita' tkun tista ssir, il-palk jitpogga quddiem il-Kalkara Garage fi Triq Marina u jinghalaq ix-Xatt kollu. Kull min ikun irid jidhol fl-area ghall-Kuncert irid jaghti donazzjoni li tmur ghall-Puttinu. Ghal din l-attivita' qed tintalab l-ghajnuna mill-voluntiera.

Il-Vici Sindku Chris Bruno staqsa meta hija d-data li fiha tigi kkonfermata jekk din l-attivita hux ser issir. Il-Kordinaturi qalu li sa nofs Gunju ghandu jkollhom risposta.

Il-laqgha spiccat fit-9.15 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| Speranza Chircop | Sharon Galea Iriele |
| Sindku | Seg Ezekuttiv |